*Appellati:* Département du Loiret, Scott SA (rappreżentanti: J. Lever QC, J. Gardner, Barrister u G. Peretz, Barristers, R. Griffith u M. Papadakis, solicitors]

**Suġġett**

Appell ippreżentat kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tad-29 ta' Marzu 2007, Département du Loiret vs Il-Kummissjoni (T-369/00), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/14/KE, tat-12 ta' Lulju 2000, dwar l-għajnuna mill-Istat implementata minn Franza favur Scott Paper SA/Kimberly-Clark (ĠU 2002, L 12, p. 1), sa fejn din tirrigwarda l-għajnuna mogħtija taħt il-forma ta' prezz preferenzjali ta' art imsemmi fl-ewwel Artikolu tagħha — Metodu ta' kalkolu tal-imgħax dovut fuq l-ammonti riċevuti illegalment: rata ta' imgħax sempliċi jew komposta? — Motivazzjoni tal-għażla ta' dan il-metodu u qlib tal-oneru tal-prova — Mument li fih għandha tiġi evalwata l-eżistenza ta' vantaġġ illegali

**Dispożittiv**

1) *Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tad-29 ta' Marzu 2007, Département du Loiret vs Il-Kummissjoni (T-369/00), hija annullata.*

2) *Il-kawża hija rrinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej.*

3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

(1) ĠU C 211, 8.9.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Diċembru 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Regensburg — Il-Ġermanja) — Proċeduri kriminali kontra Klaus Bourquain**

**(Kawża C-297/07)** (1)

***(Konvenzjoni li timplimenta l-ftehim ta' Schengen — Artikolu 54 — Prinċipju ta' "ne bis in idem" — Kamp ta' applikazzjoni — Sentenza ta' kundanna mogħtija in absentia għall-istess fatti — Kunċett ta' "sentenza definittiva" — Regoli proċedurali tad-dritt nazzjonali — Kunċett ta' piena "li ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed")***

(2009/C 32/08)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Regensburg

**Parti fil-proċedura kriminali prinċipali**

Klaus Bourquain

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Landgericht Regensburg — Interpretazzjoni tal-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU 2000, L 239, p. 19) — Interpretazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* — Kundanna mogħtija *in absentia* għall-istess fatti — Nuqqas ta' eżekuzzjoni u ta' kundanna koperta sussegwentement minn miżuri ta' amnestija ġenerali

**Dispożittiv**

*Il-prinċipju ta' ne bis in idem stabbilit mill-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f'Schengen (il-Lussemburgu) fid-19 ta' Ġunju 1990, japplika għal proċeduri kriminali mibdija fi Stat Kontraenti fir-rigward ta' fatti li l-akkużat ikun diġà ġie definittivament ikkundannat għalihom fi Stat Kontraenti ieħor, filwaqt li, bis-saħħa tad-dritt tal-Istat Membru li fih ikun ġie kkundannat u minħabba partikolaritajiet proċedurali bħal dawk fil-proċeduri prinċipali, il-piena li tkun ingħatatlu qatt ma kienet setgħet tiġi infurzata direttament.*

(1) ĠU C 211, 8.9.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Freistaat Sachsen**

**(Kawża C-334/07 P)** (1)

***(Appell — Għajnuna mill-Istat — Pjan ta' skema ta' għajnuna favur impriżi żgħar u medji — Kompatibbiltà mas-suq komuni — Kriterji tal-eżami tal-għajnuna mill-Istat — Applikazzjoni ratione temporis — Pjan innotifikat qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 70/2001 — Deċiżjoni li tittieħed wara d-dħul fis-seħħ — Aspettattivi leġittimi — Ċertezza legali — Notifika kompleta)***

(2009/C 32/09)

*Lingwa tal-proċedura: Il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: K. Gross)

*Appellat:* Freistaat Saschen (rappreżentant: Th. Lübbig, Rechtsanwalt)